MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta ta' 16 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 729/1999/1

**Anthony Zarb, James Persall, Roberto Cristiano, Carmelo Vella, Carmel sive Charles Vella, Michael Parnis, Joe Grima, Gaetano Mercieca, Andrew Mizzi, Anthony Coleiro, Saviour Sammut, Carmelo Vincent Debono, Raymond Sultana, l-Avukat George Abela, Glenn Beddingfield, Ronald Pellegrini, Peter Paul Barbara, Michele Fenech, Bartholomeo Micallef, Anthony Zammit, Norman Bonello, Romano Cilia, Carmel Camilleri, John Grech, Nicholas Farrugia, Jack Vella, Victor Cassar, Joseph Tabone, Joseph Zerafa, Edmond Sciberras, Joseph Cassar, Joseph Cassar, Joseph Cauchi, Francis Briffa, Neville Camilleri, Carmel Busuttil, Joseph Scerri, Victor Vella, Carmel Camilleri, Richard Hili, Ivan Pulis, Stephen Duca, Saviour Azzopardi, Paul Muscat, Joseph Lombardo**

**vs**

**Il-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali, ir-Registratur tal-Qrati, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

I. Preliminari

1. Quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja kien hemm erba` processi ta` kumpilazzjonijiet, rispettivament pendenti quddiem il-Magistrat Dottor Miriam Hayman, Dottor Jacqueline Padovani Grima, Dottor Consuelo Scerri Herrera u Dottor Abigail Lofaro, in konnessjoni ma xi incidenti li graw fl-20 ta` Awissu 1999 fl-inhawi tal-Marsa u ta` l-Ajruport Internazzjonali ta` Malta.
2. Dawn il-kumpilazzjonijiet kienu precizament:-
a. Il-Pulizija (Spettur Noel Cutajar u Spettur Carmelo Bartolo) vs Anthony Zarb et,
b. Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb u Spettur Neville Xuereb) vs Joseph Zerafa et,
c. Il-Pulizija (Spettur Neville Xuereb u Spettur Sandro Zarb) vs Paul Muscat et, u
d. Il-Pulizija (Spettur Neville Xuereb u Spettur Sandro Zarb) vs Michele Fenech et.

3. Waqt li dawn il-kumpilazzjonijiet kienu mexjin, l-imputati, kollha flimkien intavolaw rikors quddiem l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta` Dicembru 1999, li bih allegaw li ma kienux qeghdin jinghataw:
*"smiegh xieraq minn qorti indipendenti w imparzjali mwaqqfa b`ligi",* bi ksur ta` l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

4. Il-lanjenza kostituzzjonali tar-rikorrenti kienet bazata fuq zewg ragunijiet li jolqtu il-mod ta` kif issir, u kif effettivament saret, l-assenjazzjoni ta` l-istess kumpilazzjonijiet lill-Magistrati partikolari, u cjoe:
a. li nonostante dak li jiddisponi l-artikolu 516(3) tal-Kap 9 (li jaghmel ukoll riferenza ghall-artikolu 29 tal-Kap

12) qatt ma saru ebda Regoli tal-Qorti, inter alia, biex jigi stabbilit kif ghandhom jitqassmu l-kawzi fost gudikanti mahtura biex joqoghdu f`Qorti partikolari jew anke relattiva; u

b. li l-mod kif fil-fatt sar it-tqassim tal-kumpilazzjonijiet kontra r-rikorrenti ma kienx previst mil-ligi u l-artikolu 19 tal-Kap 12 mhux applikabbli ghal Kap 12. F`dan il-kuntest, ir-rikorrenti enfasizzaw li l-prassi u l-konswetudni m`ghandhom l-ebda rwol fil-kamp tal-procedura, specjalment fil-kamp tal-procedura penali, li hija materja ta` "public policy".

5. Ir-rikorrrenti talbu ghalhekk li dik l-Qorti joghgobha:

a. tiddikjara li sar ksur ta` l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u ta` l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni imsemmija, fil-konfront tar-rikorrenti, u

b. taghti dawk ir-rimedji kollha xierqa ghat-twettieq ta` l-istess jeddijiet tar-rikorrenti, kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni.

6. L-intimati ressqu diversi eccezzjonijiet ta` natura proceduralі, u dwar il-mertu sostnew hekk:

*"Illi fil-mertu l-Kodici Kriminali jipprovdi li jistghu jsiru regoli kif imsemmija fir-rikors promotur, ma jghidx li dawn ghandhom isiru. Illi fl-assenza ta` dawk ir-regoli r-registratur hu marbut b`dak li jghid dwar ir-registratur il-kap. 12 tal-ligijiet ta` Malta li jipprovdi illi fil-Qrati inferjuri r-registratur ghandu jimxi skond kfi jidderigih il-Magistra Anzjan. Illi hi l-prassi li l-Magistrat Anzjan jordna lir-registratur jassenja kumpilazzjonijiet lil Magistrati li skond ftehim bejniethom ghandhom jaghmlu kumpilazzjonijiet, u dan kif jitilghu skon dix-xorti. Illi fid-dritt Ruman vigenti Malta l-konswetudini sakemm mhix kontra l-ligi hi ligi li torbot:*

*Illi f`kull kaz l-artikoli 19 u 57 tal-Kap. 12 japplikaw ghal Magistrati anke fil-gurisdizzjoni Kriminali u ma hemm xejn li jirrendihom mhux applikabbili;*

*Illi fl-ahharnett anke kieku kellhom ragun f`dak li jsostnu r-rikorrenti, f`dak li hu stat ta` ligi dwar l-assenjazzjoni tal-kawzi quddiem il-Qrati tal-Magistrati dan ma jirrigwardjax*

*la l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni. Dawk jipprovdu ghal smiegh xieraq quddiem Qorti (Tribunal) indipendenti u mparzjali mwaqqaf b`ligi – Il-Qrati tal-Magistrati huma mwaqqfa b`ligi, u ma gie imkien sottomess illi l-Magistrati li qed jippresjedu jonqsu mill-indipendenza jew l-imparzjalita`"*

L-intimati talbu ghalhekk li l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civli tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

7. B`sentenza moghtija fl-24 ta` Marzu 2000, dik il-Qorti ddecidiet li talbiet tar-rikorrenti kienu insostenibbli billi l-istess Qorti hasset illi finalment il-kaz tar-rikorrenti nstema` minn qorti imparzjali, indipendenti u mwaqqfa b`ligi u ghalhekk cahdet it-talbiet tar-rikorrrenti – bl-ispejjez. Inoltre, illiberat lill-intimat Minsitru tal-Gustizzja u Gvern Lokali mill-osservanza tal-gudizzju izda ddikjarat li l-intimati l-ohra kellhom locus standi f`dawn il-proceduri u ordnat li l-ispejjez ta` din l-eccezzjoni jkunu sopportati mill-intimati, hlief ghal dawk ta`l-imsemmi ministru.

<u>II L-Appell</u>

8. Ir-rikorrenti hassewhom aggravati minn din is-sentenza u huma intavolaw appell minnha quddiem din il-Qorti. Ghar-ragunijiet esposti minnhom fir-rikors ta` l-appell taghhom, pprezentat fl-4 t`April 2000, huma talbu li din il-Qorti joghgobha tvarja l-istess sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu iddecidiet li l-Avukat Generali ghandu lous standi f`dawn il-proceduri, tvarjaha billi tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti u tichad l-eccezzjonijiet ta` l-intimati.

9. L-intimati, fir-risposta ta` l-appell taghhom, talbu li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata billi din kienet gusta.

10. Fl-istess risposta, l-intimati interponew appell incidentali, ezattament mid-decizjoni preliminari, li l-Ewwel Qorti kienet tat fis-16 ta` Frar 2000 u li biha kienu gew

michuda l-eccezzjonijiet tal-“lis alibi pendens” u tal-karenza ta` interess, it-tnejn sollevati mill-intimati. Huma talbu li din is-sentenza parzjali tigi minn din il-Qorti revokata u minflok jintlaqghu l-istess zewg eccezzjonijiet.

III. Zviluppi li sehhew

11. Ta` min jirreleva hawn li fil-mori ta` din il-kawza sehhew diversi zviluppi importanti li sejrin jissemmew hawn billi kien jidher li kienu jinpingu fuq il-kawza odjerna. Meta il-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati Istruttorji gew biex jaghlqu l-imsemmija erba` kumpilazzjonijiet huma kellhom japplikaw l-artikolu 401(2) tal-Kap 9 li jiddisponi hekk:
*“Meta tinghalaq il-kumpilazzjoni, il-qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta` akkuza. Fl-ewwel kaz, il-Qorti, tibghat l-imputat biex jitqieghed taht dak l-att ta` akkuza quddiem l-Qorti Kriminali, u, fit-tieni kaz, tordna l-liberazzjoni tieghu.”*

12. Effettivament, din il-Qorti giet informata li l-Qorti istitutorja kienet ordnata l-liberazzjoni ta` l-imputati fil-kumpilazzjonijiet “Il-Pulizija (Spettur Neville Xuereb u Spettur Sandro Zarb) vs Paul Muscat et”, u “Il-Pulizija (Spettur Neville Xuereb u Spettur Sandro Zarb) vs Michele Fenech et “, a tenur ta` dan l-artikolu 401(2) tal-Kap. 9. Min-naha l-ohra, fiz-zewg kumpilazzjonijiet l-ohra imsemmija fil-paragrafu 2 supra, il-Qorti Istruttorja iddecidiet li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputati kollha jitqieghdu taht att ta` akkuza. Dawn id-decizjonijiet ittiehdu rispettivament fil-25 ta` Frar 2000, fil-konfront tal-proceduri kontra Joseph Zerafa et u fis-6 ta` Marzu 2000 fil-konfront tal-proceduri kontra Anthony Zarb et.
13. Zvilupp sinjifikattiv hafna ittiehed fit-28 ta` Marzu 2000 mill-Eccellenza Tieghu il-President ta` Malta. Infatti, fuq parir moghti lilu mill-Kabinett, u wara li gie mfisser lilu li l-persuni kollha mputati fl-imsemmija erba` kumpilazzjonijiet,
*“huma persuna li kellhom x`jaqsmu jew setghu kellhom x`jaqsmu fir-reati fuq imsemmija u huwa spedjenti illi tinghata lilhom mahfra dwar dawk ir-reati”,*

Il-President ta` Malta, bis-sahha moghtija lilu bl-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni, hareg mandat li bih ta mahfra lill-istess persuni.

*14.* A tenur ta` l-artikolu 401(3) tal-Kap 9, l-atti tal-kumpilazzjonijiet imsemmija kienu intbaghtu mill-Qorti Istruttorja lill-Avukat Generali. Dan, min-naha tieghu, ghamel dikjarazzjoni taht il-firma tieghu u minnu prezentata fir-Registru ta` l-Onorabbli Qorti Kriminali fs-17 ta` April 2000 fil-process "Il-Pulizija vs Anthony Zarb et". L-Avukat Generali biha iddikjara li wara li ra l-atti tal-kumpilazzjoni relattivi,
*"u wara li ra l-mandat mahrug mill-Eccellenza Tieghu l-President ta` Malta fit-28 ta` Marzu 2000 (fol 778 sa fol 803 tal-process) bill ma ghadx fadal raguni il-ghaliex l-imputati fl-istess process jitqieghdu taht l-Att ta` Akkuza, huwa mhux bi hsiebu jgib `il quddiem dan l-Att".*

15. Dikjarazzjoni simili saret mill-Avukat Generali fil-process "Il-Pulizija vs Joseph Zerafa et", ezattament fit-18 t`April 2000, fejn wara li rrefera ghall-imsemmi Mandat ta` l-Eccellenza Tieghu l-President ta` Malta, l-Avukat Generali iddikjara li mhux bi hsiebu jgib `il quddiem Att ta` Akkuza kontra dawk l-imputati billi ma kienx ghadx fadal raguni l-ghaliex l-istess imputati fl-istess process jitqieghdu taht Att ta` Akkuza.

IV. Jekk dawn l-izviluppi jaffetwawx l-appelli odjerni

16. Il-fatt li l-Eccellenza Tieghu, fuq parir tal-Kabinett, kien ezercita`, fil-konfront tar-rikorrenti kollha odjerni, il-prerogattiva ta` mahfra, kif ukoll l-fatt li l-Avukat Generali kien iddikjara li, fil-konfront tar-rikorrenti kollha involuti fiz-zewg kumpilazzjonijiet "Il-Pulizija vs Anthony Zarb et", u "Il-Pulizija vs Joseph Zerafa et", ma kienx bi hsiebu jgib `il quddiem Att ta` Akkuza kontra l-istess persuni, ghar-raguni imsemmija, necessarjament qajjem kwistjoni interessanti li din il-Qorti issa trid tirrisolvi. Il-kwezit li qam huwa precizament jekk l-imsemmija zviluppi inisslux karenza t`interess fil-konfront tar-rikorrenti li jkomplu ghaddejjin b`dawn il-proceduri ta` l-appell quddiem din il-Qorti.

17. Fl-udjenza tal-11 ta` Marzu 2002 id-Difensur tar-rikorrenti ivverbalizza li huwa kien ghad ghandu interess f`din il-kawza limitatament ghal dawk ir-rikorrenti kollha li kienu indikati bhala imputati fl-atti tal-kumpilazzjoni "Il-Pulizija vs Anthony Zarb et", kif ukoll fl-atti tal-kumpilazzjoni "Il-Pulizija vs Joseph Zerafa et", liema zewg processi gew fil-fatt allegati mal-process odjern u din il-Qorti hadet debitu konjizzjoni tieghu. L-istess Difensur tar-rikorrenti ididkjara li m`ghandx ghandu interess fil-konfront tar-rikorrenti li kienu jidhru bhala imputati fiz-zewg kumpilazzjonijiet l-ohra.
18. Dwar l-appell incidentali, id-Difensur ta` l-intimati iddikjara li l-interess tieghu hu konsegwentement limitat bl-istess mod ta` l-appell principali.
19. Din il-Qorti, ezaminat akkuratament l-atti kollha quddiemha, semghet it-trattazjzoni ta` l-abili Difensuri tal-kontendenti dwar din il-kwistjoni, cjoe` dwar jekk ghadux jissusisti interess u jekk ghadx hekk aktar utilita` li dawn l-appelli jitkomplew jinstemghu u jigu decizi, fil-meritu. Il-Qorti irriflettiet b`dan il-mod:

V. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

20. Din il-Qorti tinsab rinfaccjata b`zewg tezijiet konfliggjenti. Min-naha wahda, id-difensur tar-rikorrenti appellanti qieghed isostni li fil-konfront tar-rikorrenti involuti fil-kumpilazzjonijiet "Il-Pulizija vs Anthony Zarb et" u "Il-Pulizija vs Joseph Zerafa et":
"li l-utilita` u n-necessita` tal-proceduri odjerni mhux talli bl-ebda mod ma gew ippregudikati jew imnaqqsa b`rizultat ta` l-ghoti ta` l-imsemmija mahfra presidenzjali, izda ghall-kuntrarju, gew accentwati u rinforzati."

Min-naha l-ohra d-Difensur ta` l-intimati appellanti qieghed isostni:
*"illi l-mahfra presidenzjali lliberat lill-appellanti minn kull responsabbilta` kriminali involuti fil-process de quo u ghalhekk il-mertu ta` dan il-process gie ezawrit jew ghall-anqas jekk mhux ezawrit tnehha kull utilita` prattika jew legali biex jitkompla dan il-process u din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tkompli tiehu konjizzjoni ta` dan il-process".*

21. L-ewwel argument li tressaq biex isahhah it-tezi tarrikorrenti appellanti huwa dan:
*“Fil-mument li fih inghatat l-imsemmija mahfra presidenzjali. Mhux biss l-esponenti kienu akkuzati b`reat krimianli (dan fatt wahdu huwa sufficjenti ghall-esponenti biex jinvokaw id-drittijiet fondamentali u jitolbu r-rimedji in kiwestjoni), izda fil-konfront taghhom kienu sahansitra gia` inghataw decizjonijiet li jammontaw ghal seba prima facie ta` htija”.*

22. Fil-fehma tal-Qorti dan l-argument mhux b`sahhtu bizzejjed biex jikkonvinciha li hija ghandha tkompli tiehu konjizzjoni ta` l-appell odjern. Dana principalment ghal zewg ragunijiet”
Infatti, huwa risaput minn studju tal-gurisprudenza in materja, li biex tigi deciza il-kwistjoni jekk inghatax smiegh xieraq jew le, skond l-artikoli Kostituzzjonali citati qabel, wiehed ma jistax, u ma ghandux, semplicement jiffoka fuq xi parti biss tal-process gudizzjarju u jekk isib kwalunkwe nuqqas ikun x`ikun, allura wiehed inezorabilment ikollu jikkonkludi li l-process gudizzjarju kollu hu konsegwentement vizjat. Invece, biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kienx hemm ksur tad-dritti fondamentali ghal smiegh xieraq, ikun mehtieg li l-“iter” shih tal-process gudizzjarju jigi analizzat. Il-valutazjzoni trid issir fuq l-assjem ta` l-elementi kolha li jifformaw il-process gudizzjarji, ghax hu biss minn tali valutazzjoni komprensiva li wiehed jista` jasal kien ragjonevolment jiddeciedi jekk kienx hemm vjolazzjoni ta` l-imsemmi dritt fondamentali.
23. Certament din il-Qorti m`ghadx ghandha l-possibilita` li tezamina l-<u>“iter” shih tal-process gudizzjarju </u>li inbeda bil-kumpilazzjnijiet in kwistjoni. Dana, billi, kif diga` intqal, il-process gie definittivament tronkat b`decizjoni li ttiehdet, mill-Ezekuttiv ghaliex hekk dehrlu li kien espedjenti li jsir. Hija l-Kostituzzjoni stess li taghtu din is-setgha lill-Ezekuttiv u certament din il-Qorti la ghandha l-kompitu u lanqas il-gurisdizzjoni biex tissindaka l-ezercizzju li sar ta` l-istess setgha fil-kaz odjern. Dana ghaliex l-istess intervent ta` l-Ezekuttiv, li bih waqqaf hesrem il-process kriminali kontra r-rikorrenti, pogga lil din il-Qorti f`sitwazzjoni li ma tistax tkompli tezamina l-

lanjanza Kostituzzjonali tar-rikorrenti, ghaliex biex dan l-ezami taghmlu sewwa ikun mehtieg li tiehu konjizzjoni ta` process shih, mhux ta` process mibdi izda mhux mitmum.

24. It-tieni raguni accennata fil-paragrafu 22 supra, tikkoncerna n-natura w is-sinjifikat guridiku li wiehed ghandu jaghti lid-decizjoni li l-Magistrat inkwerenti jiehu meta tinghalaq il-kumpilazzjoni skond l-artikolu 401 tal-Kap 9. F`dan l-istadju il-Magistrat inkwerenti jkun imsejjah li jiddeciedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta` akkuza. Fl-ewwel kaz, il-Qorti tibghat l-imputt biex jitqieghed taht att ta` akkuza quddiem il-Qorti Kriminali, u fit-tieni kaz, il-Qorti tordna l-liberazzjoni ta` l-imputat.

25. Meta l-Magistrat inkwerenti jasal ghal decizjoni dwar l-ewwel kaz, tali decizjoni qatt ma tista` tkun konsiderata bhala decizjoni ta` sejbien ta` htija. Tant hu hekk li l-Avukat Generali jista` ma jaqbilx ma din id-decizjoni u l-Kodici Kriminali jipprovdi mezz kif huwa ikun jista` jaghmel dan. Is-sejbien tal-htija hija prerogattiva tal-Qorti Kriminali, u specifikatament, funzjoni tal-gurati u finalment tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali, jekk ikun il-kaz. Hemm ukoll il-possibilita` li l-Avukat Generali jibghat lill-imputat biex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrat bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali taht l-artikolu 370(3) ghall-Kodici Kriminali. Il-funzjoni tal-Qorti istitutorja mhijiex dik li tiggudika lill-imputat, izda dik li tigbor u tikkonserva l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u okkorenda mid-dfiza. Dik il-Qorti ma tistax u m`ghandiex tuzurpa l-funzjoni tal-Qorti Kriminali li partikolarment tal-gurija u dik il-Qorti ghalhekk m`ghandiex taghmel valutazzjoni jew apprezzament tal-provi, hlief fil-limiti li jkunu strettament necessarji sabiex tistabbilixxi jekk jirrizultaliex ragunijiet bizzejjed “prima facie” li l-imputat possibilment “has a case to answer”. Jekk il-Qorti tasal ghal decizjoni affermattiva, allura jkun hemm il-htiega li l-proceduri jkomplu jiehdu l-kors normali taghhom bil-mod kif preskritt mill-Kodici Kriminali li kif diga` intqal, jispecifika liema organi ghandhom il-funzjoni ewlenija dwar sejbien ta` htija.

26. Ghalhekk meta r-rikorrenti jaccennaw li d-decizjoni in parola tammonta ghal sejbien prima facie ta` htija, huma jkunu qeghdin jaghmlu stqarrija li mhijiex korretta u preciza guridikament. Mhux hekk biss, izda irid jigi

enfazizzat li, nonostante l-ezistenza ta` tali decizjoni, ir-rikorrenti komplew igawdu l-effetti kollha li jemergu mill-prezunzjoni ta` l-innocenza ta` l-akkuzat sancita fl-artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni:

*"Kull min jigi akkuzat b`reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati".*

27. Ir-rikorrenti avanzaw argument iehor biex isostnu t-tezi taghhom li ghad baqghalhom interess fil-proceduri odjerni, nonstante li nghatat l-mahfra presidenzjali. Dana ghaliex, fi kliemhom stess:

*"Mahfra presidenzjali mhux biss m`ghandhiex l-effett li tillibera lill-imputat minn allegazzjoni ta` agir kriminali naxxenti minn akkuza penali jew li thassar u tirrevoka decizjonijiet gudizzjarji sfavorevoli ghall-imputat, izda mill-istess natura u definizzjoni taghha, il-'mahfra' tippresupponi l-htija jew almenu tixhed jew izzomm pendenti, fuq il-persuna li lilha tinghata, l-ombra ta` htija".*

Omissis.

*"Ghalhekk meta nghatat il-mahfra presidenzjali in kwistjoni – mahfra li tajjeb li jinghad li l-esponenti la xtaquha u wisq anqas talbuha – baqghet imdendla fuq irjus l-esponenti l-makkja ta` l-ombra tal-htija li l-istess epsonenti, naturalment ghandhom kull interess illi jeliminaw. Inoltre, billi b`effett ta` l-istess mahfra il-proceduri kriminali kontra l-esponenti gew definittivament tronkati, l-esponenti gew imcahhda mill-opportunita` li jaghmlu d-difiza taghhom f`qorti ta` gudikatura kriminali, u cjoe` gew imcahhda mir-rimedju ordinarju provdut fil-Kodici Kriminali biex tigi newtralizzata d-dikjarazzjoni ta` htija prima facie maghmula f`eghluq il-rpoceduri ta` kompilazjzoni jew ai termini ta` l-artikolu 433(3) ta` l-istess Kodici, skond il-kaz. Ghalhekk, l-uniku rimedju li fadlilhom l-esponenti biex isimhom ma jibqax imcappas huwa r-rimedju kostituzzjonali mitlub permezz tar-rikors odjern. Ghalhekk ukoll, altru milli rrendiet inutili l-azzjoni odjerna, il-mahfra presidenzjali in kwistjoni irrendiet din l-istess azzjoni aktar u aktar necessarja u attwali."*

28. Din il-Qorti diga` qalet li ma taqbilx mar-rikorrenti meta jghidu li d-dikjarazzjoni tal-Magistrat Inkwerenti, f`eghluq il-proceduri ta` kumpilazzjoni, tammonta ghal dikjarazzjoni ta` htija prima facie. Din il-Qorti diga` enfasizzat li anke f`dak l-istadju kompliet tissusisti favur ir-rikorrenti il-prezunzjoni ta` l-innocenza taghhom. Ghalhekk ir-rikorrenti m`ghandhomx ghalfejn jippruvaw b`dawn il-proceduri "jinnewtralizzaw" l-imsemmija dikjarazzjoni tal-Magistrat Inkwerenti, billi dik id-dikjarazjzoni tinsab efikacement u debitament newtralizzata bis-sahha ta` l-imsemmi sub artikolu (5) ta` l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni stess.

29. Il-Qorti sejra issa tikkumenta dwar l-argument imsemmi tar-rikorrenti, in kwantu jikkoncerna l-mahfra presidenzjali.

30. L-artikolu 93 (1) (a) tal-Kostituzzjoni jaghti lill-President ta` Malta s-setgha li

*"jaghti lil xi persuna li jkollha x`taqsam fi jew giet misjuba hatja ta` xi reat mahfra, sew hielsa jew suggetta ghal kondizzjonijiet skond il-ligi".*

Din is-setgha moghtija lill-President hija maghrufa bhala l-Prerogativa tal-Mahfra. Gejja minn zminijiet antiki meta l-prerogattiva kieent tas-sovran u baqghet tinzamm f`kostituzzjonijiet anke ta` zminijietna, generalment mill-Kap ta` l-Istat, ghaliex ghandha certa utilita`. Minn dejjem kien ritenut li din il-prerogativa tal-mahfra ma hijiex sindakabbli minn ebda Qorti, anke ghaliex hija setgha li, sa certu punt, tista` titqies bhala li qieghdha `l fuq mis-saltna tad-dritt.

31. Fil-kaz odjern, il-mandat ta` l-Eccellenza tieghu, il-President ta` Malta jindika li inghatat mahfra lir-rikorrenti kollha f`din il-kawza fil-konfront ta` l-imputazzjonijiet kollha inkluzi fl-imsemmija erba` kumpilazzjonijiet. Ir-raguni li inghata ghall-ghoti ta` tali mandat tohrog minn dan il-paragrafu qasir:

*"Billi gejt moghti parir mill-Kabinett u gie mfisser lili, l-imsemmija persuni huma persuni li kellhomx`jaqsmu jew seta` kellhom x`jaqsmu fir-reati fuq msemmija u huwa spjedenti illi tinghata lilhom mahfra dwar dawk ir-reati"*

Ta` min wiehed josserva li r-raguni li inghatat ghall-hrug ta` dan il-mandat kienet il-motiv tal-espedjenza. Pero`, xejn izjed ma hu specifikat. Min-naha tar-rikorrenti, gie osservat li din il-mahfra presidenzjali "la xtaquha u wisq anqas talbuha".

32. Huwa mportanti li jgi enfazizzat li johrog car minn qari ta` l-istess mandat li l-mahfra presidenzjali ma inghatax ghaliex ir-rikorrenti kienu gew misjuba hatja ta` xi reat. Minflok, tali mahfra inghatat in konnessjoni ma` l-allegazzjoni li r-rikorrenti jew kellhom x`jaqsmu mar-reati li allegatament graw fl-20 t`Awissu 1999 jew setghu kellhom x`jaqsmu ma l-istess reati.

33. Il-Qorti zzid tghid li il-mandat presidenzjali mhux talli ma jatribwixxi ebda htija lir-rikorrenti, talli qaghad attent li juza frazijiet pjuttost aktar fluwidi mid-dicitura tad-dispozizzjoni tal-ligi stess.

Infatti, waqt li l-ligi tindika bhala s-suggett tal-mahfra presidenzjali, inter alia, "persuna li jkollha x`taqsam f`reat", il-mandat in kwistjoin jindika li r-rikorrenti "setghu kellhom x`jaqsmu mar-reati" in kwistjoni.

34. Din il-Qorti ma taqbilx lanqas mar-rikorrenti li l-mahfra presidenzjali halliet "imdendla fuq l-irjus" tar-rikorrenti "makkja ta` l-ombra tal-htija". Fil-fehma tal-Qorti, dan il-kumment tar-rikorrenti jista` jidher li huwa kumment validu ghal persuni li mhumiex midhla sewwa tal-ligi. Pero`, din il-Qorti jidhrilha li dan il-kumment tar-rikkorenti guridikament ma huwiex preciz. Il-ligi qatt ma titkellem fuq "l-ombra ta` htija" izda titkellem jew fuq "htija" jew "nuqqas ta` htija". U din il-htija trid tigi accertata u dikjarata unikament mill-organi li l-Kostituzzjoni tistabilixxi proprju ghal dan il-ghan, cjoe` il-Qrati ta` gurisdizzjoni Kriminali. Isegwi li ladarba ir-rikorrenti, gia imputati, ma instabux hatja minn ebda Qorti tar-reati addebitati lilhom, il-prezunzjoni imsemmija aktar qabel ta` l-innocenza ta` l-akkuzat, komteplata fis-sub artikolu 5 ta` l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, baqghet tghodd fil-konfront tar-rikorrenti, anke fl-istadju li nhareg l-imsemmi mandat ta` l-Eccellenza Tieghu il-President ta` Malta.

35. Il-Qorti tikkonkludi b`dan l-ahhar kumment. .L-iskop ewlieni tas-salvagwardji kollha li johorgu mill-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, in kwantu jolqtu

proceduri ghal reat kriminali, huwa precizament li jassiguraw lill-imputat (jew lill-akkuzat) li l-proceduri kollha li jwasslu ghall-eventwali sejbien ta` htija w il-konsegwenzjali ghotja tal-piena, ikunu rizultat ta` process gudizzjarju korrett u san li jkun sar minn Qorti indipendenti w imparzjali mwaqqfa b`ligi.
Jekk dan il-process gudizzjarju, ghal xi raguni, jigi tronkat u mwaqqaf darba ghal dejjem, qabel ma l-qorti jkollha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fuq ir-reita` o meno ta` l-akkuzat, allura l-ghan ewlieni tal-process gudizzjarju ikun intilef. Fil-fehma tal-Qorti, jkun ghal kollox inutili li din il-Qorti tkompli tinvestiga biex tiddeciedi jekk sal-punt li l-process gudizzjarju gie tronkat – l-akkuzat kienx jew le inghata smiegh xieraq skond l-imsemmija salvagwardji. Dan jista` jkun ezercizzju akkademiku interessanti, izda billi dan huwa ezercizzju priv minn kwalunkwe utilita` prattika ghar-rikorrenti odjerni, din il-Qorti hija tal-fehma shiha li m`ghandhiex timbarka biex taghmel ezercizzju simili.
36. Ghal dawn il-motivi:
Tiddikjara li minhabba l-Atti ta` l-Ezekuttiv imsemmija fil-korp ta` din is-sentenza, il-meritu tal-process odjern jinsab ezawrit billi ma fadal ebda utilita` prattika li din il-Qorti tkompli tiehu konjizzjoni ta` l-istess process u senjatament l-appell tar-rikorrenti u l-appell incidentali ta` l-intimati.
37. L-ispejjez konnessi ma` l-ewwel istanza, jibqghu kif decizi mill-Ewwel Onorabbli Qorti, waq li l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom jibqghu a karigu ta` l-intimati appellati billi, kif inghad, il-meritu tal-process odjern safa` ezawrit bl-imsemmi operat ta` l-Ezekuttiv.

Dep/Reg

gs